

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Ġunju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vrhovno sodiċċe – is-Slovenja) – Hotel Sava Rogaška, Gostinstvo, turizem in storitve, d.o.o. vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

(Kawża C-207/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Ilmijiet minerali naturali — Direttiva 2009/54/KE — Artikolu 8(2) — Anness I — Projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni taħt diversi ismijiet kummerċjali ta' “ilma minerali naturali mill-istess nixxiegħha waħdanija” — Kunċett)

(2015/C 279/17)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

### **Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodiċċe

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hotel Sava Rogaška, Gostinstvo, turizem in storitve, d.o.o.

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

### **Dispożittiv**

Il-kunċett ta' “ilma minerali naturali mill-istess nixxiegħha waħdanija” li jidher fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2009, dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jindika ilma minerali naturali li huwa sfruttat minn ħruġ wieħed jew iktar, naturali jew imtaqqba, li jkun joriġina mill-istess water table waħdanija jew mill-istess depożitu ta' taħt l-art waħdan, jekk, f'kull punt ta' ħruġ naturali jew imtaqqab, dak l-ilma jkollu karatteristiċi identiċi, fir-rigward tal-kriterji msemmija fl-Anness I tal-imsemmija direttiva, li jibqgu stabbli fil-limiti ta' varjazzjonijiet naturali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 202, 30.06.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-25 ta' Ġunju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Mannheim – il-Ġermanja) – Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH vs Gerhard und Jürgen Vogel GbR, Jürgen Vogel, Gerhard Vogel**

(Kawża C-242/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti — Regolament (KE) Nru 2100/94 — Deroga prevista fl-Artikolu 14 — Użu mill-bdiewa tal-prodott tal-ħsad għal finijiet ta' propagazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur — Obbligu ta' ħlas mill-bdiewa ta' remunerazzjoni raġonevoli għal dan l-użu — Terminu li fih din ir-remunerazzjoni għandha titħallas sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika mid-deroga — Possibbiltà tad-detentur li jirrikorri għall-Artikolu 94 — Ksur)

(2015/C 279/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinviju**

Landgericht Mannheim

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH